MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 201/2005

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha George Carabott abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess George Carabott (966147(M))**

**vs**

**Ronald Axisa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2005 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u tnejn u erbghin lira Maltija u centezmu (Lm742.01) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur George Carabott assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom**

**ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' seba' mija u sbatax-il lira Maltija u centezmu (Lm717.01), is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) l-istess George Carabott in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' Lulju 2003, gewwa Triq Cospicua, Cospicua, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur George Carabott, bin-numru ta' registrazzjoni GAO-263 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni AAA-781, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Gunju, 2004, u tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici Middlesea Insurance plc (tramite l-agent taghhom Bonnici Insurance Agency Limited), u l-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2004 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Ronald Axisa prezentata fit-8 ta' Frar, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, billi l-incident tat-traffiku li gara fit-30 ta' Lulju, 2003, gewwa Cospicua ma garax b'tort u htija tal-esponenti, izda gara unikament tort u htija ta' George Carabott is-sewwieq tal-vettura numru GAD-263 assikurata mas-socjeta` attrici assikuratrici.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' George Carabott, Mary Carabott, Jonathan Carabott, Ronald Axisa, Carmelo Axisa u Anna Axisa. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-30 ta' Lulju, 2003 fi Triq Cospicua, Cospicua, bejn il-vettura**

**bin-numru GAO-263 misjuqa minn George Schembri, u l-vettura numru AAA-781 misjuqa mill-konvenut.**

**2. Skond l-attur, hu precedentement meta kien ghadu fi Triq is-Sur kien qabez lill-konvenut li kien parkeggjat, dar ghal go Triq Blondel, u minn hemm mar ghal go Triq Cospicua, fejn waqaf vicin tal-kantuniera. L-attur jghid hekk: "Kif dort ghal go Triq Cospicua waqaft biex nara fejn ser nipparkja, u kif kont ghadni saqajja fuq il-brake hassejt daqqa minn wara." Rilevanti hafna li l-attur waqaf biss ftit pulzieri boghod minn vettura ohra kif muri fir-ritratti Dok.JR1 sa JR4.**

**3. Il-versjoni tal-attur tinsab konfermata minn martu Mary u ibnu Jonathan li kienu fil-karozza mieghu. Dawn sostnew li fl-ebda mument l-attur ma regga' lura biex imur fejn ghandu il-garaxx, kif allega l-konvenut.**

**4. Il-konvenut xehed li fi Triq Blondel qabel ma tidhol go Triq Cospicua hemm "stop sign" u skond hu waqaf hemm u l-attur regga' lura fuqu.**

**5. Dwar dak li qed jallega l-konvenut, it-Tribunal jinnota li skond il-"front-to-rear" form esebita Dok.RF1, il-konvenut kien sporga ghal go Triq Cospicua meta sehh l-incident, ghalhekk kien qabez l-istop sign. Dan hu aktar evidenti mid-Dok.JR2, li jindika li l-konvenut baqa' hiereg minghajr ma ta kaz tal-vetturi li kien hemm fi Triq Cospicua.**

**6. Ir-ritratt Dok.JR1 juri bic-car li l-attur waqaf vicin hafna tal-vettura ta' quddiemu, u kieku kien aktar vicin bl-impatt kien jidhol fiha.**

**7. Meta wiehed qieghed jisporgi minn fuq stop sign irid jara sew il-vetturi li hemm fit-triq principali, haga li l-konvenut m'ghamilx. Bi ftit ta' attenzjoni da parti tal-konvenut, dan l-incident seta' jigi evitat. Ir-responsabilita` tal-incident hija tal-konvenut li ma uzax id-debita diligenza waqt li hiereg minn fuq stop sign.**

**8. Id-danni subiti mill-attur huma dawk li jirrizultaw mid-Dok.RF2 sa RF5 u cioe` fl-ammont mitlub fl-avviz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lis-socjeta'**

**attrici s-somma ta' seba' mija u sbatax-il lira Maltija u centezmu (Lm717.01), u lill-attur George Carabott is-somma ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-25 ta' Gunju, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Gunju, 2004, u tal-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici Middlesea Insurance plc (tramite l-agent taghhom Bonnici Insurance Agency Limited), ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------